MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 330/2013

Mobisle **Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Juri Christian Krag (ID 72241A)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Ottubru 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill- konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, mija u tmienja u tletin Euro u tmienja u disghin centezmu (€4,138.98) rapprezentanti somma dovuta in

konnessjoni mas-servizz cellular bil-kont numru 40196289 moghti mis-socjeta attrici..

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax kontra l-konvenut illi huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-konvenut permezz ta’ affissjoni fil-Kunsill Lokali ta’ Tas-Sliema, l-Ghassa ta’ Tas-Sliema u r-residenza tal-konvenut fit 3 ta’ Marzu 2014 (fol 14 tergo).

Rat illi saret pubblikazzjoni fil-gazzetta The Times fis 7 ta’ Marzu 2014 (fol 16) u fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il 11 ta’ Marzu 2014 9fol 21).

Illi fis-seduta tas-14 ta’ Marzu, 2014 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 22).

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, mija u tmienja u tletin Euro u tmienja u disghin centezmu (€4,138.98) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------